# KUNI AF

## L-1 ĦADD TAR-RANDAN

**Mt 4, 1-11**
Ġesu' imur fid-deżert u ikun ittentat mix-xitan.

## BIDU

***Imxi ma' Ġesu' fiż-żmien li għamel fid-deżert***

Ġesu' mar għal 40 jum fid-deżert biex jitlob.

F'dawn il-granet kiel ftit. (Hekk kienu jagħmlu l-Lhud biex jieqfu jaħsbu fuq il-kobor ta' Alla u biex jrringrazzjawh).

40 jum hu żmien twil biex toqgħod bi ftit ikel u tagħmel ħin twil titlob. Għalhekk Ġesu' qabdu l-ġuħ.

Għal 3 darbiet ix-xitan stieden lil Ġesu' biex ma' jagħtix każ ta' Alla u l-kmandamenti tiegħu.

## L-1 DARBA

Jekk int Ġesu' agħmel li dan il-ġebel isir ħobż

Ġesu' wieġbu: "Le" Għax kien jaf li Alla l-Missier hu aktar importanti mill-ikel u li jieħu ħsieb kollox.

Kull meta jgħidulek biex tagħmel xi ħaġa, importanti li dejjem tagħżel tagħmel dak li jaqbel mat-tagħlim ta' Ġesu'
Taf li x-xitan jipprova jidħaq bik?

## IT-2 DARBA

Trid tkun famuż u importanti? Aqbeż minn fuq din l-għolja. M'għandekx għal fejn tibża, Alla jibgħatlek l-angli biex jilqgħuk.

Ġesu' wieġbu: "Le". M'għandekx titlob dawn l-affarijiet lil Alla.



Alla jħobbok u jieħu ħsiebek u jagħtik l-għajnuna. M'għandekx tagħmel il-ħażin għax ħadd ma jarak jew għax Alla jaħfirlek.
Taf li x-xitan jgħidlek li ma jimpurtax għax hekk jagħmlu l-oħrajn?

## IT-3 DARBA

Trid tkun Re, trid ikollok, ħafna flus? Inżel għarkobbtejk quddiemi u nagħtik li trid.

Ġesu' wieġbu: "Le". Jien lil Alla biss nadura.

Alla ħalaq kollox tajjeb u qalilna biex nieħdu ħsieb il-ħolqien. Għandna dejjem infaħħru lil Alla għall-affarijiet li għandna u nużawhom biex nikbru fil-għaqda ta' bejnietna.
Taf li x-xitan iħajjrek biex ma' tmurx il-quddies il-Ħadd? Taf li jgħidlek biex tieħu xi affarijiet tat-tfal l-oħra għax int m'għandekx?

U Ġesu' qal lix-xitan: Itlaq minn quddiemi.







